



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0249/2010**

13.9.2010

# RAPPORT

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 05/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III - Il-Kummissjoni (13473/2010 – C7-0260/2010 – 2010/2091(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: László Surján

PR\_BUD\_DAB

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....3

NOTA SPJEGATTIVA .....5

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 05/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III - Il-Kummissjoni (13473/2010 – C7-0260/2010 – 2010/2091(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, adottat b'mod definittiv fis-17 ta' Diċembru 2009<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja solida<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-15 ta' Ġunju 2010 (COM(2010)0320),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2010 mħejji mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2010 (13473/2010 – C7-0260/2010),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2040/2000 tas-26 ta' Settembru 2000 dwar id-dixxiplina baġitarja<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0249/2010),
- A. billi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2010 tkopri modifiki fl-organigramma tal-OLAF, mingħajr dispożizzjonijiet finanzjarji addizzjonali, kif ukoll ir-reviżjoni tal-previżjoni tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT, i.e. dazji doganali u imposti tas-settur taz-zokkor), il-bażijiet tal-VAT u tad-DGN, l-ibbaġitjar tal-korrezzjonijiet relevanti tar-Renju Unit kif ukoll l-iffinanzjar tagħhom u r-reviżjoni tal-iffinanzjar tat-tnaqqis tad-DGN favur l-Olanda u l-Isvezja fl-2010, li jirriżulta f'bidla fid-

---

<sup>1</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 64, 12.3.2010.

<sup>3</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 244, 29.9.2000, p. 27.

distribuzzjoni bejn l-Istati Membri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom tar-riżorsi proprji lill-baġit tal-UE,

- B. billi l-għan tal-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2010 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formali fil-baġit tal-2010,
- C. billi l-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fit-13 ta' Settembru 2010,
  - 1. Jieħu nota tal-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2010;
  - 2. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 5/2010 mhux emendat u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru x/2010 ġie definittivament adottat u jirringa għall-pubblikazzjoni tiegħu *f' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  - 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Skont l-Artikolu 37(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tippreżenta Abbozzi ta' baġits emendatorji, jekk ikun hemm "ċirkustanzi inevitabbli, eċċezzjonali jew imprevisi".

Dwar il-punti differenti tal-Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 5/2010 u l-pożizzjoni dwaru tal-Kunsill, ir-rapporteur tagħkom għandu dawn il-kummenti li ġejjin:

L-Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 5 tal-Baġit għall-2010 (ABE 5/2010) ikopri l-modifiki fl-organigramma tal-OLAF u ir -reviżjoni tal-previżjoni tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali, il-bażijiet tal-VAT u tad-DGN, l-ibbaġitjar tal-korrezzjonijiet rilevanti tar-Renju Unit kif ukoll l-iffinanzjar tagħhom u r-reviżjoni tal-iffinanzjar tat-tnaqqis tad-DGN favur l-Olanda u l-Isvezja fl-2010, li jirriżulta f'bidla fid-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom tar-riżorsi proprji lill-baġit tal-UE

Dwar l-OLAF (Taqsimha III - Il-Kummissjoni - S 02 02 — l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi), il-Kummissjoni qed tippromovi 20 post AD permanenti addizzjonali, peress li l-Uffiċċju issa għandu l-opportunità li jgħib fi tmiemu l-adattament tal-organigramma tiegħu billi jirrekluta l-għadd korrispondenti ta' lawreati bħala uffiċjali permanenti. Bħala tfakkira, fl-2003 l-awtorità baġitarja kienet ittrasformat għadd kbir ta' postijiet permanenti f'postijiet temporanji. Intlaħaq ftehim fl-2007 biex jiġu mnedija kompetizzjonijiet esterni u interni biex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ ta' aġenti temporanji tal-OLAF bħala uffiċjali.

Rigward il-parti dwar ir-Riżorsi Proprji ta' dan il-baġit emendatorju, tidher li mhijiex differenti mill-eżerċizzji tas-sena l-oħra. Ir-regoli tal-kalkolu tagħha huma mogħtija fid-dettall fil-leġiżlazzjoni relatata.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.9.2010
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Giovanni Collino, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Estelle Grelier, Carl Haglund, Lucas Hartong, Jutta Haug, Jiří Havel, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gerben-Jan Gerbrandy, Roberto Gualtieri, Riikka Manner, Jan Olbrycht, Paul Rübig